# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Marzu 2024

NR 077/2024 Data tal-Ħruġ: 30 ta' April 2024 Data tal-Għeluq: 25 ta' April 2024

*F'Marzu 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra tnaqqis ta' 0.3 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' Marzu 2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali niżel b'0.3 fil-mija. L-oġġetti intermedji naqsu bi 2.6 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet kienu rreġistrati fl-oġġetti kapitali (1.7 fil-mija) u fl-oġġetti tal-konsum (1.1 fil-mija). Ma kienx hemm tibdil fil-prezz fis-settur tal-enerġija.

Il-prezzijiet tal-produtturi industrijali għas-suq domestiku żdiedu b'0.7 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet dehru fl-oġġetti tal-konsum (4.1 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (0.1 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-oġġetti intermedji naqsu b'1.0 fil-mija.

Il-prezzijiet mhux domestiċi naqsu b'1.3 fil-mija. Hawnhekk, il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro niżlu bi 2.3 fil-mija, filwaqt li ta' dawk maħsuba għaż-Żona tal-Ewro żdiedu b'0.1 fil-mija (Tabella nru 2).

**Tqabbil max-xahar ta' qabel**

F'Marzu 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'0.2 fil-mija meta mqabbel ma' Frar 2024. L-oġġetti intermedji naqsu b'0.6 fil-mija, filwaqt li kien hemm żieda ta' 0.1 fil-mija fis-settur tal-oġġetti tal-konsum. Ma kien hemm l-ebda tibdil fil-prezzijiet fl-oqsma tal-enerġija u tal-oġġetti kapitali.

Il-prezz totali tas-suq domestiku ma nbidilx, filwaqt li l-prezzijiet mhux domestiċi naqsu b'0.4 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsubin għaż-Żona mhux tal-Ewro kif ukoll dawk maħsubin għaż-Żona tal-Ewro naqsu b'0.4 fil-mija u b'0.3 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

(2021=100) għall-industrija kollha

